**26 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Patrick Vella B.A., LL.D. Mag. Juris. (Eur. Law)**

Il-Pulizija

*versus*

Tancred Borg

**Ordinanza tad-Dwana - Riċettazzjoni**

*F'każijiet tar-reati kkontemplati fis-subinċiżi (f) u (ġ) ta' l-artikolu 62*

*tal-Kap. 37, il-kelma użata mil-liġi "xjentement" ma tfissirx sempliċement li l-aġent ikun konxju li qed iżomm fil-pussess tiegħu xi oġġett partikolari, iżda tfisser li hu kien jaf, jew messu raġonevolment fiċ-ċirkostanzi kien jaf, li d-dazju fuq dak l-oġġett ma kienx ġie mħallas; mhux rikjest xi motiv ulterjuri jew xi intenzjoni speċifika.*

*Li wieħed ikollu suspett ta' xi rregolarità, jew addirittura tagħrif dwar provenjenza ta' ċertu oġġetti u intenzjonalment jieqaf milli jindaga ulterjorment, hija prova konklussiva dwar l-element intenzjonali tar-reat ta' riċettazzjoni.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Tancred Borg akkużat talli: (1) f'dawn il-Gżejjer fit-22 ta' April, 1994 u matul is-sentejn ta' qabel, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, u ċjoè, karozza ta' l-għamla Volkswagon Golf Cabriolet li l-valur tagħha jiskorri l-Lm1,000, sew jekk dan ir-reat sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħha jew imexxiha; (2) f'dawn il-Gżejjer, matul l-istess perijodu ta' żmien, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz; (3) fl-istess perijodu ta' żmien għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn dokumenti ffalsifikati; (4) f'isem il-Kontrollur tad-Dwana, talli fit-22 ta' April, 1994, u/jew f'xi data qabel, instab li kellu fil-pussess u/jew taħt il-kontroll tiegħu, Volkswagon Golf Cabriolet bin-numru H-4903 li l-importazzjoni tagħha hija ristretta, b'valur ta' Lm3,600, dazju Lm2,340, kif jidher fin-Nota ta' Qbid numru 90/94, mehmuża fl-atti, liema dazju ma ġiex imħallas u/jew ikkawtelat, u dan bi ksur ta' l-artikoli 60 (a), (b), (ċ), (e), (i), (j), (k) u 62 (a), (b), (ċ), (f), (ġ), (ħ), (i), (k),

(m), (n) ta' l-Ordinanza dwar *id-Dwana* (Kap. 37) *u l-artikolu* 17 ta' l-*Import Duties Act* (Kap. 337 tal-Liġijiet ta' Malta);

Rat is-sentenza mogħtija fl-10 ta' Lulju, 1998, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li biha sabet lil Tancred Borg ħati tat-tieni u t-tielet akkużi rigwardanti akkużi ta' falsifikazzjoni, u ma sabitux ħati u lliberatu mill-akkużi ta' riċettazzjoni u evażjoni ta' dazju (l-ewwel u r-raba' akkużi), u, wara li ordnat il-konfiska tal-vettura Volkswagen Golf Cabriolet numru H-4903, ikkundannatu għall-sena priġunerija sospiża għall-perijodu ta' sentejn;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avuket Ġenerali ddatat 17 ta' Lulju, 1998 li bih talab li din il-Qorti tirriforma u timmodifika s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet ħtija fl-appellat Borg taħt l-artikoli 183 u 184 tal-Kodiċi Kriminali, tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti l-oħra fejn illiberatu mill-bqija ta' l-akkużi, u, konsegwentement ukoll, tħassar u tirrevoka l-piena inflitta (salv l-ordni tal-konfiska) u, wara li tiddikjara u ssib ħtija fl-appellat skond l-akkużi restanti (l-ewwel u r-raba') miġjuba kontrih, tinfliġġi l-piena skond il-liġi;

Rat l-aggravju ta' l-appellant, Avukat Ġenerali, konsistenti filli, nonostante li, għar-rigward l-ewwel akkuża, l-Ewwel Qorti waslet biex tgħid u tikkonkludi li mill-apprezzament tal-provi kollha prodotti, hemm kumulu sostanzjali ta' provi indizjarji kontra l-imputat appellat, naqset, iżda milli ssib ħtija għaliex qalet li l-provi skond il-liġi kienu nieqsa, jew fejn kienu jeżistu, tramite dokumentazzjoni kienu jew inkonkludenti jew addirittura inammissibbli fil-metodu kif ġew proposti;

Illi skond l-appellant, għalhekk, l-Ewwel Qorti naqset meta għamlet enunċjazzjoni nkompleta jew skorretta tal-liġi fis-

sentenza tagħha appellata b'mod li, mill-provi prodotti, minkejja l-konvinċiment morali raġġunt minnha, ma sabitx ħtija fl-appellat fl-ewwel u fir-raba' akkużi;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi kif sewwa ssottometta l-appellant Avukat Ġenerali, għal dak li jirrigwarda l-ewwel akkuża, dik ta' riċettazzjoni, mill-atti proċesswali jirriżultaw numru konsiderevoli ta' provi ċirkostanzjali kontra l-appellat li juru biċ-ċar, mingħajr ebda dubbju, li hu kien konxju tal-provenjenza tal-vettura fuq imsemmija misjuba fil-pussess tiegħu. Biżżejjed wieħed hawn jirreferi għall-istqarrijiet minnu rrilaxxati lill-pulizija, esebiti fl-atti, u x-xhieda minnu mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti. Il-versjonijiet li l-appellat offra, kemm fiż-żewġ stqarrijiet tiegħu, kif ukoll meta xehed, juru, bla ebda ombra ta' dubbju, lanqas wieħed raġonevoli, l-istat konfużjonarju li huwa kien jinsab fih. Il-versjonijiet kontrastanti, konfliġġenti u inverosimili li huwa ta juru biċ-ċar in-nuqqas ta' kredibilità tiegħu u sempliċement jikxfu l-isforzi tiegħu biex jipprova jaħbi kif fil-fatt kien ġie fil-pussess tal-vettura Volkswagen Cabriolet bin-numru tar-reġistrazzjoni H-4903. Barra minn hekk, id-dokumenti esebiti, li l-Ewwel Qorti qalet li kienu inammissibbli bħala prova valida, effettivament huma ammissibbli. Dawn huma d-dokumentazzjoni li esebixxa u xehed dwarhom l-Ispettur Bartolomeo Mula li huwa kien irċieva mill-Interpol fl-Ingilterra dwar il-provenjenza tal-vettura msemmija u huma ammissibbli a tenur ta' l-artikolu 645 tal-Kap. 9 abinat mad-dispost ta' l-artikolu 599 tal-Kap. 12. Dawn id-dokumenti juru biċ-ċar li l-

vettura misjuba għand l-appellat Tancred Borg kienet ġiet misruqa mill-Ingilterra;

Prova ċirkostanzjali oħra li turi li l-appellat kien jaf bil-provenjenza illegali ta' din il-vettura, jew li kienu messu raġonevolment ikun jaf bl-istess, hija l-ammissjoni tiegħu stess li hu kien issovrapona x-*chassis number* tal-vettura in kwistjoni misjuba għandu. Jeżistu ħafna provi oħra ċirkostanzjali jew indizjarji li meħudin ilkoll flimkien, fl-assjem tagħhom, iwasslu sa dak il-grad ta' prova rikjest *mil-liġi għal dak li hija l-ewwel* akkuża;

Illi huwa evidenti mill-provi li dan l-operat kollu da parti ta' l-appellat kien biss mezz għall-fini u ċjoè, li għamel dak kollu bi skop ulterjuri, u ċjoè, proprju biex jevita li jħallas id-dazju dovut fuq din il-vettura. F'dan ir-rigward, jirriżulta għalhekk lil din il-Qorti, li l-aggravji ssollevati mill-appellant huma konnessi u għalhekk il-Qorti qed tittrattahom f'daqqa. Jirriżulta, fil-fatt, li d-dazju fuq din il-vettura, ammontanti għas-somma ta' Lm2340, ma kienx tħallas, u l-appellat ma ressaq l-ebda prova kuntrarja kif kellu jagħmel a termini ta' l-artikolu 77 tal-Kap. 37;

Illi għalhekk, anke għal dak li jirrigwarda r-raba' akkuża l-appellant Avukat Ġenerali għandu raġun u hu żgur li l-appellat Borg kellu jinstab ħati mill-Ewwel Qorti ta' evażjoni ta' dazju skond dak li hemm ikkontemplat fl-artikolu 62 (f), (ġ), (ħ), (i), (k) tal-Kap. 37. Dana huwa għaliex f'dan il-każ jeżisti l-att materjali tar-reat konsistenti fil-fatt li l-appellat kellu fil-pussess tiegħu il-vettura in kwistjoni u dan b'mod xjenti. F'każijiet bħal dawn, il-kelma użata mil-liġi "**xjentement**" ma tfissirx sempliċement li l-aġent ikun konxju li qed iżomm fil-pussess tiegħu xi oġġett partikolari, iżda tfisser li hu kien jaf, jew li messu raġonevolment fiċ-ċirkostanzi kien jaf, li d-dazju

fuq dak l-oġġett ma kienx ġie mħallas (ara, fost oħrajn, is-sentenza ta' din il-Qorti tat-22 ta' Settembru, 1993, fl-ismijiet **Il-Pulizija** ***vs*** **Mark Aquilina** ***et***; tas-6 ta' Mejju, 1993, fl-ismijiet **Il-Pulizija** ***vs*** **Arthur Agius**; tat-12 ta' Settembru, 1996, fl-ismijiet **Il-Pulizija** ***vs*** **Raymond Buhagiar**; u tal-15 ta' Novembru, 1996, fl-ismijiet **Il-Pulizija** ***vs*** **Carmel Sultana**). Kwantu għal dan l-element tax- "**xjenza**", din il-Qorti tinsab sodisfatta u moralment konvinta li meta l-appellat Tancred Borg ħa fil-pussess tiegħu l-vettura in kwistjoni, hu kien jaf, jew messu miċ-ċirkostanzi raġonevolment kien jaf, li d-dazju fuqha, fl-ammont ta' Lm2340 ma kienx tħallas. L-artikolu 62 tal-Kap. 37, fis-subinċiżi tiegħu (f) u (ġ) ma jirrikjedix xi motiv ulterjuri jew intenzjoni speċifika, u dana huwa hekk għaliex min xjentement ikollu fil-pussess tiegħu xi oġġett li fuqu ma jkunx tħallas id-dazju mingħajr ma jinforma minnufih lill-awtoritajiet tad-Dwana, ikun b'dan l-aġir tiegħu qed jipperikola l-ħlas tad-dazju fuq dak l-oġġett;

Illi l-istess raġunament dwar dan l-element tax-"**xjenza**" japplika a rigward ir-reat ta' riċettazzjoni, skond l-ewwel akkuża. Ġà ġie rrilevat qabel illi l-versjonijiet tal-fatti kif mogħtija mill-appellat dwar il-provenjenza tal-vettura huma ferm konfliġġenti u inverosimili. Dan huwa ċar daqs il-kristall. Irriżulta fi grad ta' prova rikjest mil-liġi mhux biss l-element materjali skond il-liġi għal dan ir-reat, iżda anke l-element intenzjonali, ċjoè, ix-"**xjenza**". Li wieħed ikollu suspett ta' xi rregolarità, jew addirittura tagħrif dwar l-istess provenjenza, kif ċertament kellu l-appellat Borg, u intenzjonalment jieqaf milli jindaga ulterjorment, hija prova konklussiva dwar dan l-element intenzjonali (ara Appi. Kriminali, 24/06/1961 **Il-Pulizija** ***vs*** **George Tabone**, u 30/11/1978 **Il-Pulizija** ***vs*** **Vincent Calleja**);

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qed tilqa' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali u qed tirriforma u timmodifika s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellat

Tancred Borg ħati fuq it-tieni u t-tielet akkużi, u qed tirrevokaha u tħassarha fil-kumplament fejn l-Ewwel Qorti ma sabitux ħati fuq l-ewwel u r-raba' akkużi u lliberatu minnhom, kif ukoll qed tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti tal-piena inflitta fuqu mill-Ewwel Qorti, *bl-eċċezzjoni għall-ordni* ta' konfiska, u għalhekk, minflok, filwaqt li qed tiddikjara lill-appellat Tancred Borg ħati anke fuq l-ewwel u r-raba' akkużi, qiegħda tikkundannah għal sentejn priġunerija li, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A (1) tal-Kap. 9, qed jiġu sospiżi għall-erba' snin, kemm-il darba l-appellat, waqt dan il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiża, ma jikkommettix xi reat ieħor li jkollu piena karċerarja, kif ukoll tikkundannah għall-ħlas ta' multa fl-ammont ta' Lm9540. Il-Qorti qed iżżomm ferma l-ordni ta' l-Ewwel Qorti dwar il-konfiska tal-vettura Volkswagon Golf Cabriolet bin-numru H-4903. L-appellat għandu jħallas il-multa fuqu nflitta illum fi żmien sitt xhur, u, fin-nuqqas, din tkun konvertibbli għal sitt xhur priġunerija.